MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2006

Numru. 412/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**

**vs**

**Emanuel Grech bin Carmel u Josephine nee' Refalo imwieled fit-tnejn ta' Novembru, 1966 u residenti Flat 1, Valley Court, Triq il-Bahhara, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 38766G**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **EMANUEL GRECH** bin Carmel u Josephine nee' Refalo, mwieled fit-tnejn ta' Novembru,

1966 u joqghod Flat 1, Valley Court, Triq il-Bahhara, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita` numru 38766G gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar fit-tnax (12) ta' Gunju 2006 ghal habta tal-kwarta ta' filghodu gewwa l-Youth Centre ta' Sant' Antnin li jinsab fi Triq Sant Antnin, Ghajnsielem, Ghawdex:

1. volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat, storbju, glied jew mod iehor;

2. talli fl-istess data, hin u lok hebb ghal Raffaela Attard minn Ghajnsielem u kkagunalha griehi ta' natura hafifa skond ma ccertifikat minn Doctor Coronato Grech MD ta' l-isptar Generali ta' Ghawdex;

3. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghal martu Doreen Grech minn Ghajnsielem sabiex jingurjaha, iddejjaqha jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor; u

4. talli qal dagha u kliem oxxen fil-pubbliku.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9 ghal zmien li l-istess Qorti jidhrilha li hu xieraq.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti esibiti fosthom l-affidavit ta' Dottor Coronato Grech.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u cioe lil Raffaella Attard.

Semghet lil Doctor Anton Refalo ghan-nom tal-imputat jiddikjara li l-imputat kien qed jobbliga ruhu li bl-ebda mod u manjiera ma kien ser jimmolesta lil Raffaella Attard u lil Doreen Grech.

Semghet lil Doreen Grech u lil Raffaella Attard tiddikjaraw li kienu qed jirrinunzjaw ghal azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghal ewwel (1) w ir-raba (4) akkuza kif moghtija fiil-konfront tal-imputat, kif registrata fl-atti fis-seduta ta' llum.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssbu hati tal-ewwel (1) w r-raba (4) akkuza kif dedotti kontra tieghu.

Rat li l-prosekuzzjoni ma ressqet ebda xhud iehor.

Ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 338(dd), 221(1), 339(1)(d) u 338(bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat EMANUEL GRECH hati tal-ewwel (1) w r-raba (4) akkuza kif dedotti kontra fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghal R&A filwaqt li tiddikjara procediment ezawrit fil-konfront tat-tieni (2) w t-tielet (3) akkuza stante rinunzja tal-parti offeza**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------